# Erbat iħbieb f'Wied Lelluxa
## (Junior)

Ftit 'il bogħod minn hawn mhux ħażin hemm Wied kbir u fond jismu Wied Lelluxa. Fuq naħa tal-wied hemm ħafna u ħafna siġar twal u xjuħ u fuq in-naħa l-oħra hemm irdum għoli jibqa' sejjer sal-baħar. Hemmhekk joqogħdu erbat iħbieb tiegħi jisimhom Ġeru, Fina, Faru u Żrinġi. Tridu tiltaqgħu magħhom?

Ġeru għadu kelb żgħir. Għidilna xi ħaġa fuqek Ġeru?
"Jien inħobb inżomm l-affarijiet f'posthom u puliti. Pereżempju meta noqgħod jilgħab b'xi logħba wara ndaħħal kollox f'postu. Inħobb ukoll insaqsi ħafna biex inkun naf x'għandi nagħmel. Pereżempju:
"Ma, x'ħa nilbes illum?"
"Pa, illum immur il-Mużew?"
"Teacher, niktibha d-date?"

Fina hi fekruna żgħira u kwieta. Tridu nkellmuha ftit? Bilħaqq tafuha lin-nanna tagħha? In-nanna tagħha kienet tellqet ma' fenek u rebħitlu. Tafuha dik l-istorja? Fina tgħidx kemm tħobb il-kotba, speċjalment ta' l-istejjer.
"Jien tgħidx kemm inħobb naqra. Tgħidx kemm għandi kotba d-dar. Ħafna minnhom qlajthom rigali fil-berdej u fil-Milied. Barra minn hekk jien tgħidx kemm inħobb nikteb!"

Faru ġurdien żgħir. Faru ma tantx iħobb ipaċpaċ u lanqas jikteb. Filfatt ma tantx jixtieq ikellimna llum għax bħalissa qed iħabbel moħħu dwar kif se jsewwi l-karozza tar-remote li nkisritlu ftit ilu. Dan Faru tgħidx kemm hu bravu biex isewwi l-affarijiet bil-martell u t-turnavit! Basta tħalliħ jaħdem waħdu!

Żrinġi hi żrinġa żgħira u naqra mqarba. Din mhux bħal Faru ta' – tgħidx kemm tħobb tparla!
"Jien inħobb inkun  differenti mill-oħrajn. Pereżempju l-aħħar darba kelli npinġi żiemel u għamiltu vjola biex ma jkunx bħal tat-tfal l-oħra tal-klassi. Lanqas ma nagħmel bħaż-żrinġijiet l-oħra li jieklu d-dubbien. Filfatt l-ikbar ħabiba tiegħi hi dubbiena."

---

Mel'issa li sirna nafu lil dawn l-erba' t'iħbieb, ejja mmorru niltaqgħu magħhom fil-klassi ta' Miss Warda fejn qegħdin bħalissa. Miss Warda hi t-teacher tagħhom u Ġeru, Fina, Faru u Żrinġi tgħidx kemm iħobbuha. Kollha kemm huma jħobbu jitgħallmu affarijiet ġodda.

Illum Miss Warda qed tkellimhom fuq Wied Lelluxa, il-post fejn joqogħdu dawn l-erbat iħbieb. "Żmien ilu ilu, minn ġo nofs Wied Lelluxa", qaltilhom, "kien jgħaddi l-ilma. Kien jgħaddi minn bejn is-siġar u jasal sal-baħar." U tafu li hawn kienu jgħixu d-dinosawri? Dawn kienu annimali kbar ħafna ħafna. Imbagħad ġara xi ħaġa u d-dinosawri mietu kollha f'daqqa! U anke l-ilma nixef…! Kull ma fadal hi dik l-għadira li hemm f'nofs il-Wied. Sal-lum għadu ħadd ma jaf x'ġara eżatt…"



Ġeru, Fina, Faru u Żrinġi tgħidx kemm ħadu pjaċir jisimgħu din l-istorja sabiħa. "Imma tgħid xi ġralhom id-dinosawri?" beda jistaqsi Ġeru lil Miss Warda. Fina qalet li darba kienet sabet ktieb fuq id-dinosawri u tgħidx kemm kien fih informazzjoni u stampi sbieħ! Żrinġi marret tiġri fuq il-kompjuter li għandhom fil-klassi u bil-KIDPIX qagħdet tpinġi Dinosawru. Faru, li moħħu dejjem fl-għodda, qal li ried jagħmel dinosawru kbir ta' l-injam!

Qabel daqqet il-qampiena ta' l-iskola, Miss Warda qalet lit-tfal biex bħala homework jagħmlu *project* fuq Wied Lelluxa. Setgħu jagħmlu li jridu, basta jagħmluh sabiħ u mill-aħjar li jistgħu!

---



Imma Ġeru tgħidx kemm beda jinkwieta! Beda jaħseb li ma fehemx eżatt x'kellu jagħmel fil-homework. Beda jħossu mitluf! Allura mar fuq it-teacher, Miss Warda u beda jsaqsiha ħafna mistoqsijiet:

"Xi rridu niktbu?"
"Irridu nfittxu l-istampi?"
"Fuq il-pitazz l-aħdar jew fuq l-isfar irridu nagħmluh ix-xogħol? Jew fuq il-project book?"
"Nista' ngħid lil xi ħadd biex jgħini?"

Miss Warda bil-paċenzja kollha qagħdet tfiehmu u ttih eżempji ta' x'seta' jagħmel. "Tista' pereżempju tikteb storja qasira, jew pereżempju issaqsi lin-nanna tiegħek biex tgħidlek fuq kif kien Wied Lelluxa fl-antik!" Wara li kien ċert li fehem eżatt x'kellu jagħmel, Ġeru mar kuntent lejn id-dar!

Wara li xorob ftit ħalib u kiel biċċa ħobż, mar fil-kamra tiegħu. Il-kamra tiegħu tgħidx kemm kien iżommha nadifa u kien jagħmel kollox f'postu. Ġeru dejjem kien iħobb ilestih kmieni il-homework. Mill-ewwel mar isaqsi lin-nanna tiegħu biex tgħinu u hi qagħdet tirrakkonta fuq kif kien Wied Lelluxa fl-antik. Min jaf x'se jagħmel Ġeru!!

Fina m'għamlitx bħal Ġeru. Tiftakru? Fina tħobb ħafna taqra u tikteb. Wara l-iskola, Fina staqsiet lil ommha biex flimkien imorru sal-librerija ta' Wied Lelluxa. Hemmhekk sabet ħafna u ħafna kotba fuq Wied Lelluxa. Ftit mill-kotba kienu qodma ħafna, kollhom trab u nofshom imqattgħin. Imma l-kotba l-ġodda kienu jfuħu u kellhom ħafna stampi sbieħ. Tgħidx kemm ħadet pjaċir taqra u tqalleb fihom! U baqgħet hemm mhux ħażin sa ma dalam, taqra u tqalleb, tqalleb u taqra. Min jaf biex se toħroġ Fina?!





Faru la għamel bħal Ġeru u lanqas bħal Fina. Tiftakruh sew lil Faru? Il-ħabib tagħna l-ġurdien ma tantx kien iħobb jaqra u jikteb iżda ma qatax qalbu! Anqas xejn. Kif wasal fit-toqba fejn kien joqgħod qagħad ftit jaħseb waħdu fil-kwiet u imbagħad erħielha sa ħdejn il-ħabiba tiegħu, il-Ġobna u daħal fiha biex ħadd ma jtellfu. Sewwa kontu qed taħsbu…daħħal miegħu kemm kellu għodda – martell, serrieq, tnalja, msiemer u pinzell…Ommu semgħetu jsabbat, jsabbat, jħabbat, jisboħ u jqatta’. Min jaf x’qed jivvinta Faru!

Żrinġi la għamlet bħal Ġeru, la bħal Fina u lanqas bħal Faru. Żrinġi kienet tħobb tivvinta affarijiet isbaħ u differenti mit-tfal l-oħra tal-klassi. Hi u sejra d-dar bdiet taħseb f’ħafna affarijiet sbieħ. Hi u sejra d-dar bdiet taħseb: “Naf x’nagħmel: inpinġi xi siġar jew fjuri li hemm fil-Wied bil-*poster colours*. U le…mhux hekk nagħmel: insib xi stampi fuq il-kompjuter tal-papa`… u baqgħet sejra hekk sa ma waslet id-dar. Il-ħbieb tagħha li rawha titkellem waħidha bdew jidħqu biha imma Żrinġi lanqas biss tat kashom! L-ewwel ħadet il-kamera tar-ritratti li kienet qalgħet fil-berdej u marret tieħu xi żewġ ritratti. Wara marret id-dar u qagħdet tpinġi bil-kuluri xi fjuri u siġar li kienu jikbru fil-Wied. Min jaf x’se tħawwad din Żrinġi!



Is-Sibt għadda u l-Ħadd għadda wkoll u t-tfal ta' Wied Lelluxa marru lura lejn l-iskola. Kif daħlu fil-klassi u qagħdu bilqiegħda, Miss Warda qaltlilhom: "Kemm tidhru kuntenti tfal - ejja ħa naraw x'għamiltu sabiħ?"

Ġeru kien ġab miegħu xi ritratti antiki li kienet tagħtu n-nanna tiegħu. Hu ħareġ ħdejn it-teacher u qagħad jirrakkontalhom dak li kienet qaltlu n-nanna u qagħad jurihom ir-ritratti wieħed wara l-ieħor. L-iktar li għoġbithom lit-tfal kien dak ir-ritratt meta n-nannu ta' Ġeru żelaq u u waqa' fl-għadira l-kbira li hemm fil-Wied! Aktar kien qisu fellus milli kelb kbir mustaċċun! X'ħin lesta sħabu tgħidx kemm bdew iċapċpulu!

Fina kienet ġabet l-isbaħ kotba li sabet fil-librerija u qagħdet turihom lit-tfal. Urithom l-isbaħ stampi li kienet sabet f'dawk il-kotba. Fuq il-pitazz tal-homework imliet xi żewġ paġni b'dak li kienet tgħallmet mill-kotba, għax kif nafu, Fina kienet tħobb tikteb ħafna. Dak li kitbet qratu quddiem sħabha tal-klassi. U x'ma qalitx: Kemm hu kbir Wied Lelluxa, kemm ilu jeżisti, X'tip ta' Fjuri joqgħodu fih u kemm kien hemm dubbien, naħal u brimb. Sħabha ċapċpula ħafna wkoll!

Żrinġi bdiet toqmos minn fuq is-siġġu għax kellha seba' mitt sena biex turi lil sħabha x'kienet għamlet. Meta kien imiss lilha, ħarġet kburija quddiem sħabha u writhom l-istampa li kienet pinġiet. Tgħidx kemm kienet sabiħa u tgħidx kemm użat kuluri *poster colours* sbieħ. Imma dan ma kienx biżżejjed! Ġabet tliet važetti magħha: wieħed kien mimli bl-ilma ta' l-għadira, ieħor bil-ħamrija tal-Wied u ieħor, skond Żrinġi, kien mimli bil-fwieħa tal-fjuri kollha li kienu jikbru fil-Wied. U veru! Meta fetħuħ dak il-važett tgħidx kemm ħarġet riħa tfuħ! Kemm ċapċpulha lil Żrinġi!!

Kien fadal biss Faru biex juri x'kien għamel. Kien ħadem siġra kbira bl-injam u bil-plasticine. Wara kien taha ż-żebgħa u tgħidx kemm ġietu sabiħa. It-tfal l-oħra stagħġbu kemm kien jaf juża l-għodda Faru. U allavolja ma kienx iħobb jikteb, xorta waħda kien kiteb il-kelma 'siġra' biż-żebgħa ħamra! Prosit Faru! Anke lil Faru ċapċpulu ħafna.

Miss Warda tgħidx kemm kienet kburija u ferħana bit-tfal tal-klassi tagħha. "Qed taraw tfal", qaltilhom Miss Warda, "Allavolja kulħadd jaf jagħmel affarijiet differenti, kulħadd għamel affarijiet sbieħ ħafna! U imn'Alla kulħadd għamel affarijiet differenti ħalli issa, meta nwaħħal ix-xogħol tagħkom mal-ħajt u fuq id-desk, ikunu jidhru ħafna isbaħ milli kulħadd ikun għamel l-istess ħaġa!"